MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2010

Numru. 76/2008

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR JOSRIC MIFSUD)**

**VS**

**GABRIEL ZAMMIT ta' 15-il sena, bin Raymond u Susanne nee' Hili, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar it-18 ta' Settembru 1993, residenti fil-fond numru ZWW, Triq l-Imghallem, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' 33193(G)**

**Illum, 22 ta' Lulju 2010**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Gabriel Zammit fejn huwa gie akkuzat talli nhar it-3 ta' Dicembru 2008 ghal habta ta' 21:30 hrs, gewwa il-fond, ZWW, Triq l-Imghallem, Rabat, Ghawdex

1. Bil- hsieb li jaghmel delitt u cioe' li bi vjolenza jikkometti stupru vjolenti fuq persuna ta' taht l-eta' Maria Zammit ta' tlettax-il sena, ta' sess femminili ta' nazzjonalita' maltija wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, jew inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom, u li dan ir-reat sar kontra membru domestiku;

2. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta'l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Maria Zammit ta' tlettax-il sena (13) kontra l-volonta' taghha, u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u li dan ir-reat sar kontra membru domestiku;

3. ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' cioe' Maria Zammit  ta' tlettax-il sena (13).

4. Fl-istess jum, lok hin u cirkostanzi ikkometta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-istess imsemmija persuna cioe' Maria Zammit ta' tlettax-il sena (13).

5. B'eghmil zieni, ikkorrompa persuna taht l-eta', jigifieri l-imsemmija Maria Zammit ta' tlettax-il sena (13).

6. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil persuna u cioe' Maria Zammit u xi persuni ohra u b'mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna msemmija u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tad-19 ta' Frar 2010.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bl-attentat ta' stupru fuq il-persuna ta' ohtu Maria Zammit u dana huwa rifless fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali fejn l-ewwel artikoli tal-ligi indikati huma l-artikolu 41 u l-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali, liema tentattiv ta' reat sehh fid-dar residenzjali taghhom. Illi missier il-minuri u cioe' Raymond Zammit jikkonferma l-kwerela tieghu a fol. 19 tal-process u ghalhekk abbazi tal-istess kwerela tkomplew dawn il-proceduri penali fil-konfront tal-imputat.

Illi l-elementi legali li jikkostitwixxu r-reat tal-isturpru huma tnejn u cioe' irid ikun hemm il-kongungiment karnali u dana jrid isir bi vjolenza u ghalhekk minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, Appell numru 51/2003 deciz fl-4 ta' Settembru 2003 gie deciz madanakollu: "Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shiha, w l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jisussisti r-reat." Illi f'dana l-kaz ghalkemm ma kienx hemm evidenza ta' penetrazzjoni, izda sinjali biss ta' tbaghbis, il-Qorti xorta wahda sabet lill-persuna akkuzata hatja ta' tentattiv ta' stupru.

Issa fil-kaz in dizamina l-imputat jinsab akkuzat bl-attentat tal-istupru ai termini tal-artikolu 41(1)(a). Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: "Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. Jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-

volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi.”

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu t-tentattiv u cioe’:

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta’esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta’ l-hekk imsejha atti preparatorji. Bilfors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi kommess delitt, b’tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi kkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk il-hati ma jkunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:
**“To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the *mens rea*, nor if it goes no further than the stage of preparation.”**

Madanakollu kif ikompli jghid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta’ demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt. X’distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti d-delitt u t-tentattiv tal-istess?

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li jghidu diversi guristi prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

**"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."**

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Godfrey Ciangura deciza fl-10 ta' Gunju 2002 jinghad:

**"Fuq id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghal bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt inkitbu volumi shah; u hafna huma wkoll dawk it-teoriji li gew proposti biex jghinu lill-gudikant jasal biex jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi. … Fil-fatt, pero', il-Qrati taghna, qatt ma intrabtu ma' xi teorija wahda partikolari, u dan peress li kull teorija tista' tghid li ghandha id-difetti taghha. U fir-realta' il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi wiehed jista' aktar isibha billi japplika l-buon sens fl-analizi tal-fatti li jkunu rrizultaw fl-isfond tar-reat partikolari li tieghu ikun qed jigi allegat li kien hemm tentattiv milli billi jintrabat ma' xi teorija partikolari.**

**Din il-linja ta’ pratticita’ giet proposta, fost ohrajn, mill-gurista Petrocelli. Fi kliem Antolisei:**
***‘Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l-insigne penalista ha sostenuto che l’atto esecuttivo si haquando il mezzo o, meglio, l’energia destinata a produrre l’offesa inerente al reato, e’ messa in opera secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio delle’esperienza, deve trarre l’idea e i caratteri dell’azione che e’ “propria” di cisacun delitto della relattiva fattispecie e, quindi cogliere il momento dinamico che dell’azione stessa esprime l’inizio e pone in essere l’atto esecutivo.***’

Illi l-ahhar element legali li jsawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta’ esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b’xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b’hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat.

Illi mill-provi akkwizti l-vittma Maria Zammit fix-xhieda taghha taghti ssegwenti iter ta’ kif sehhew il-fatti fil-mument li giet aggredita minn huha.

1. Kif harrget mill-kamra tal-banju, l-imputat qabadha minn spallitha, xengilha u dahal biha gol-kamra tas-sodda tieghu.
2. Baqa’ izommha minn spallitha
3. Imbuttaha fuq is-sodda.
4. Il-qalziet tal-imputat kien imnizzel sa nofs kuxxtejh b’tali mod illi l-parti privata tieghu kienet diga mikxufa u kien jidher illi kellu erezzjoni.
5. L-imputat kien libes *condom,* kulur bajdani.
6. Kif ippruvat tqum huwa rega imbuttaha.
7. B’saqajh baqa’ izommha ’lisfel fuq is-sodda u dana billi kien qed jaghmel saqajh ma’ irkobbtejh.
8. Ghamel idu fuq halqha sabiex izommha milli tghajjat.
9. B’idu l-ohra beda inizzlilha l-qalziet.
10. L-imputat lahaq nizzel biss il-qalziet tal-pygama u hekk kif kien ser inizlilha l-qalziet ta’ taht gie mwaqqaf minn Josianne li hija l-partner ta’ missierhom.

Illi l-Qorti tistqarr illi dawna l-atti ma humiex biss atti preparatorji, izda ukoll atti li jammontaw ghall-bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt. Fil-fatt li kieku l-imputat ma giex imwaqqaf fil-hin mill-partner ta' missieru, huwa kien ikompli bl-intenzjoni tieghu li jkollu x'jaqsam sesswalment ma' ohtu. Illi mill-provi akkwizti jirrizulta wkoll illi l-imputat qabel dawn l-atti kien qieghed jara xi xeni pornografici fuq il-mobile phone tieghu.[1]

Illi matul il-kors ta' dawn il-proceduri jidher illi l-minuri kellha ripensament dwar il-fatti ta' dana l-kaz. Ghaldaqstant il-Qorti innominat lil Roberta Attard bhala *child psychologist* sabiex tezamina lil minuri Maria Zammit. Illi l-imsemmija psikologa ipprezentat ir-relazzjoni taghha bhala Dokument RA a fol.50 et seq. minn fejn jidher illi l-minuri ikkonfermat maghha dana l-incident u fejn gie stabbilit illi l-minuri ghaddeja minn problemi serji ta' depressjoni.

Ghaldaqstant l-ewwel akkuza tirrizulta ampjament ippruvata.

Illi l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tal-imputat huma akkuzi relatati mal-akkuza ewlenija tal-attentat tal-istupru aggravat, u cioe' s-sekwestru tal-persuna, il-korruzzjoni tal-minorenni (u dana peress illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-vittma ta' dana r-reat hija minuri) u l-attentat ghall- pudur u dana kif indikat ukoll fin-nota ta' rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tad-19 ta' Frar 2010. Illi dawn l-akkuzi wkoll gew ippruvati ampjament, peress illi jirrizulta illi l-imputat zamm il-persuna ta' ohtu kontra r-rieda taghha, ghamel atti li jwasslu ghall-korruzzjoni tal-istess minuri, kif ukoll illi l-atti maghmula minnu fil-konfront ta' ohtu jammontaw ghal attentat vjolenti fuq il-pudur taghha.

Illi fl-istqarrija tieghu rilaxxjata lil pulizija l-imputat ma jichadx dawn il-fatti anzi jikkonferma s-sekwenza tal-fatti hekk kif tixhidhom l-istess ohtu.

[1] Ara xhieda ta' Maria Zammit a fol.33 et.seq.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-problemi familjari li kellhom jiffaccjaw dawn iz-zewg minuri u cioe' kemm l-imputat kif ukoll ohtu li hija l-vittma ta' dana r-reat fit-trobbija taghhom. Jirrizulta mill-atti, illi l-genituri taghhom kellhom problemi familjari tant li spiccaw infirdu. L-omm telqet mill-pajjiz u marret tghix l-Awstralja u halliet lit-tlett uliedha warajha flimkien ma' misierhom. Jidher illi l-omm illum tghix ma' partner iehor gewwa l-Awstralja, filwaqt illi l-missier ukoll bena familja ohra ma' mara ohra u ghandu zewgt itfal zghar. Illi t-tifel maggiorenni Mario Christian jabita man-nanniet materni u dana peress illi minhabba problemi familjari huwa ghazel li jitlaq mid-dar ta' missieru. Dana kollu bla dubbju halla effett negattiv fuq it-tfal. Jidher illi l-imputat ilu zmien twil miflug bi problemi serji anke tal-vizzju tad-droga, ma ghandux relazzjoni tajba ma' missieru u llum huwa wkoll qieghed ighix man-nanniet materni tieghu. Illi ghalkemm din m'hijiex is-soluzzjoni idejali ghall-problemi li ghandu Gabriel, madanakollu matul il-pendenzi ta' dana l-kaz jidher illi akkwista certu stabbilita fil-hajja tieghu ghalkemm ir-relazzjoni ma' missieru ghadha wahda hazina ferm. L-imputat ghad ghandu bzonn supervizzjoni kontinwa minn nies professjonali sabiex huwa ma jaqbadx it-triq tad-delinkwenza. L-imputat kellu wisq hajja turbolenti mimlija problemi u m'huwiex facli illi jeghleb dawna l-problemi wahdu specjalment meta wiehed iqis illi ghadu minorenni. Sfortunatament fil-gzira Ghawdxija ma jidhirx illi hemm istituzzjoni illi tista' tiehu hsieb zaghzagh ta' dina l-eta li jkunu ghaddejjin minn problemi simili. Fil-fatt fil-bidu ta' dawn il-proceduri, l-Qorti kellha problemi serji sabiex jinstab post fejn seta jinzamm l-imputat peress illi ghadu wisq zghir biex jinzamm il-Habs Civili ta' Kordin u inoltre l-imputat ma setax jirritorna jghix fid-dar ta' missieru fejn kienet tirrisjedi ohtu li kienet il-vittma ta' dana r-reat. Fl-ahhar mill-ahhar l-imputat kellu jinzamm ghal xi zmien fl-isptar mentali ta' Ghawdex, soluzzjoni xejn felici! Illi ghalkemm illum l-imputat ighix man-nanniet materni tieghu jidher illi fil-passat huwa kellu xi problemi wkoll maghhom. Madankollu jidher illi llum huwa qieghed ighix maghhom b'mod stabbli u ma hemm l-ebda soluzzjoni

alternattiva ghal dana l-istat ta' fatt. Il-Qorti thoss illi ghandha tappella lill-awtoritajiet ikkoncernati sabiex mill-iktar fis jaraw illi jkun hemm istituzzjoni li tospita zaghzagh ta' eta' tenera li ghaddejjin minn diversi problemi f'hajjithom, liema istituzzjoni ghandha tkun mghammra b'nies professjonali li jkunu jistghu jigwidaw lil dawn iz-zaghzagh u jghinuhom jeghlbu l-problemi taghhom.

Finalment il-Qorti ma tistax tinjora r-rapport ta' Laner Cassar, *clinical psychologist*, fejn huwa elenka fir-rapport tieghu (Dokument Lc a fol.100 et seq.) dak illi l-imputat ghandu bzonn sabiex jeghleb il-problemi fl-imgieba tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 198, 202(h), 199(1)(2), 203(1), 204C(1), 207 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht ordni ta' probation u dana ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma jobdix l-ordni imposta fuqu llum jew jekk jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' dina l-ordni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------